

31999R0921

L 114/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.5.1999

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 921/1999

tat-30 ta' April 1999

## li jipprovdi għal miżuri speċjali sabiex frott u ħaxix irtirati mis-suq jitqassmu lil refuġjati mill-Kosovo

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 857/1999 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(7) tiegħu,

- (1) Filwaqt li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/97 <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 729/1999 <sup>(4)</sup>, jstabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) Nru 2200/96 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-arranġamenti ta' l-intervent fis-settur tal-frott u l-ħaxix u speċjalment fid-distribuzzjoni ħielsa ta' prodotti rtirati mis-suq bħala għajnuna umanitarja barra mill-Komunità;
- (2) Filwaqt li l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament jstabbilixxu għadd ta' kondizzjonijiet u jeħtieġu Deċiżjoni tal-Kummissjoni qabel kull operazzjoni ta' distribuzzjoni ħielsa barra mill-Komunità;
- (3) Filwaqt li l-ħtieġa urġenti sabiex tinkiseb l-għajnuna f'ikel għar-refuġjati vittmi tal-kriżi tal-Kosovo u għall-familji li jospitawhom hi magħrufa sew;
- (4) Filwaqt li, sabiex tiġi ffaċilitata l-għajnuna għal dawn in-nies, għandhom isiru derogi minn ċerti klawnsoli ta' l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/97, sakemm jingħata avviż ieħor;
- (5) Billi ż-żoni li għalihom tapplika din id-deroga għandhom jiġu ddemarkati;

- (6) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Frott u l-Ħaxix Frisk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/97 m'għandhomx japplikaw għal operazzjonijiet ta' distribuzzjoni ħielsa li jinvolvu refuġjati tal-Kosovo u l-familji li jospitawhom fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavia (is-Serbja u l-Montenegro), l-Albanija, ir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bosnija u l-Herzegovina, il-Bulgarija u r-Rumanija.

Għal dawn l-operazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

- fl-ewwel ġurnata xogħol ta' kull xahar, l-informazzjoni stipulata fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 659/97 dwar l-operazzjonijiet li tlestew,
- kopja tan-notifika mibgħuta lis-Sottokumitat tal-FAO dwar id-Disponiment tas-Surplus.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' April 1999

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 108, tas-27.4.1999, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 100, tas-17.4.1997, p. 22.

<sup>(4)</sup> ĠU L 93, tat-8.4.1999, p. 11.